Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org www.zminijietna.blogspot.com https://twitter.com/Zminijietna

Vol.5 Nru. 31 Lulju - Settembru 2016 40c

# Il-BREXIT xi jfisser!!!

Il-poplu Ingliż għamel l-għażla tiegħu f'Referendum li joħroġ il-pajjiżu mil-Unjoni Ewropea, għażla li kienet xprunata mil-lemin nazzjonalista u lemin estrem ta' Nigel Farage. Infatti issa l-għażla tal-mexxej il-ġdid wara riżenja ta' David Cameron se tkun fdata f'idejn persuna li jħaddan dawn iż-żewġ prinċipji.

Għal dak li hu ħaddiem, żgur li mhux se jesperjenza titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tiegħu minħabba l-fatt li minn mexxa l-kampanja mhuwiex wieħed progressiv, anzi bil-kontra hemm minn qed jitkellem li l-poplu Ingliż jaf jerġa jsib ruħu taħt tmexxija ta' stil Thatcher.

Minn naħa l-oħra l-moviment xellugi fl-Inghilterra għaddej minn taqlib kbir. Żgur li teżisti mewġa favur politika aktar xellugija u l-ħatra ta' Jeremy Corbyn fit-tmexxija tal-Partit Laburista Ingliż hi xhieda ta' dan. Imma bħal dejjem kull ħatra ġdida iġġib magħha reazzjoni kemm interna u anke esternament. Issa sta għal mexxej li jgħaqqad il-forzi flimkien, għalkemm f'dan il-każ jidher li hemm qasmiet ideoloġiċi kbar bejn dawk favur politika *ta' New Labour* u dawk favur politika aktar xellugija.

Żgur li l-forzi progressivi għandhom jingħaqdu flimkien biex jiġġieldu l-politika tal-lemin estrem li bil-BREXIT jista' jkun li se tkompli tissaħħaħ.

## Ġewwa...


- *L-Editorjal*
- *Il-Moviment tal-Indignados* - *Alfred Consiglio*
- *Il-Ġid u l-Faqar* - *Carm Mallia mil-Ghaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti*
- *Better Policies for Refugees* - *Maryanne Zammit*
- *ODZ fl-Ambjent Malti* - *Michael Camilleri*
- *In-NATO qed taħdem għall-Paci ? - ara rapport tad-diskors ta' Sukant Chandan f'paġna tan-nofs.*


# Sejħa Nazzjonali għal Żieda fil-Paga Minima

Sa llum, 42 sena minn meta f'Malta twaqqfet il-paga minima nazzjonali għadna qegħdin nitkellmu dwar l-adegwatezza ta' din il-paga.

Studju li ħejjiet dan l-aħħar il-Caritas Malta wera li l-paga minima nazzjonali kif inhi mhiex suffiċjenti biex wieħed jgħix diċenti fuq livell bażiku. Aktar u aktar, din il-paga mhix adegwata għal dawk kollha li huma mgħobbija bil-problema akbar tal-prezz tal-kera għolja, li nitkellmu fuqha fil-ħarġa li jmiss. Il-Caritas Malta qed titlob li l-paga minima nazzjonali tkun adegwata u li tiżdied b'mod raġonevoli fuq perjodu 'qasir' ta' żmien.

Il-paga minima nazzjonali hi l-inqas paga li Min iħaddem jista' jagħti lill-ħaddiem. Fuq il-valur tagħha huwa bbażat il-kejl tal-ispejjeż tal-produzzjoni. Dan huwa l-punt li qed iqajjem il-kontroversja kollha. Teżisti qasma bejn dawk li jridu aktar politika ta' ġustizzja soċjali u dawk li jridu politika aktar favur is-suq ħieles, fejn il-valur tal-produzzjoni jkollu element qawwi ħafna ta' "cheap labour". S'intendi ħadd mhu qed jgħid li l-ħaddiema f'Malta fil-maġġor parti tagħhom huma mħallsa bil-paga minima, imma huwa stat ta' fatt li hemm numru konsiderevoli, u mhux żgħir ta' ħaddiema full-time u part-time, li huma mħallsa l-valur tal-paga minima nazzjonali. Napprezzaw li meta ddaħħlet f'Malta l-liġi tal-paga minima fl-1974, kien pass progressiv. Imma issa wasal il-waqt li ssir reviżjoni 'l fuq tal-valur ta din il-paga, li fi 42 sena qatt ma żdiedet ħlief bl-ammont



tal-kumpens obbligatorju tal-COLA.

Bħala għaqda bi twemmin xellugi dejjem konna minn ta' quddiem biex il-valur ta' din il-paga jiżdied, għax nemmnu li hemm raġunijiet biżżejjed għala għandu jsir dan, fosthom li:-

- Żieda fil-paga minima nazzjonali se tnaqqas l-ispiża soċjali tal-gvern għax se jkollok tnaqqis ta' nies milli jkomplu jgħixu minn fuq ċertu benefiċċji soċjali.

- B`żieda fil-paga minima jiżdied l-inċentiv biex aktar nies jidħlu fid-dinja tax-xogħol; u jiżdied is-sodisfazzjon fuq il-post tax-xogħol 'job satisfaction', li jissarraf f'aktar produttivitá.

- Żieda fil-paga minima tgħin biex aktar familji jtejjbu l-livell tal-għajxien tagħhom, anke jekk bi ftit.

- Żieda fil-paga minima tnaqqas l-inugwaljanza soċjali bejn dawk li jistgħu jaffordjaw jgħixu ħajja komda għax għandhom dħul tajjeb u dawk li sa llum ma jistgħux.

- B'żieda fil-paga minima jgawdu anke dawk il-ħaddiema li jaħdmu pro-rata u part-time, li n-numru taghhom qieħed kullma jmur dejjem jiżdied.

- B'żieda fil-paga minima jmur tajjeb ukoll min iħaddem għax jitkattar il-kummerċ, u anke tikber l-ekonomija nazzjonali.

Naħsbu li l-Gvern għandu jkun ċar fuq din il-kwistjoni u mhux jitfa' l-ballun f'idejn l-imsieħba soċjali, speċjalment meta nafu li ma hemmx qbil fuqha. F'diversi kwistjonijiet il-Gvern Laburista kien pro-attiv u daħħal numru ta' miżuri progressivi anke jekk ma kienx hemm qbil sħiħ fuqhom. Fuq iż-żieda fil-paga minima hawn qbil ta' maġġoranza kbira tas-soċjetá u ta' diversi għaqdiet. Għalhekk minn dan il-gvern li jgħid li l-ġid mit-tkabbir ekonomiku jrid jifirxu mal-istrati kollha tas-soċjetá, nistennew aktar, li tittieħed azzjoni li tirrispetta dik il-fehma nazzjonali favur żieda fil-paga minima.

# Żminijietna favur 'Morning After Pill'

Żminijietna tappoġġja bis-sħiħ il-protest ġudizzjarju li qed tressaq il-Fondazzjoni għad-Drittijiet tan-Nisa biex f'Malta tkun aċċessibli l-'Morning After Pill'. Din il-pillola hi aċċessibli fil-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropeja.

Żminijietna tqies li din hija kwistjoni tal-mara, u għanda implikazzjonijiet ta' ġustizzja soċjali mportanti, kif qed tgħid l-istess Fondazzjoni peress li din se tħares is-saħħa tal-mara, partikolarment nisa żgħar, fejn se tgħinhom jagħmlu l-għażliet huma meta jinqabdu tqal u mhux aktar is-sitwazzjoni li jsibu ruħhom fiha. Din se twassal wkoll biex in-nisa jikkontribwixxu b'mod sħiħ fis-soċjetá, kemm mil-lat soċjali, ekonomiku u politiku.

Il-WHO ukoll tqies il-'Morning After Pill' bħala pillola li mhux qiegħda hemm biex twaqqaf it-tqala, imma biex tipprevjeni l-mara milli tinqabad tqila.

Żminijietna temmen wkoll, li l-fatt li l-pillola sa llum hi pprojbitá milli tkun għall-bejgħ f'Malta tagħmel il-kwistjoni f'waħda ta' min jaffordja jixtriha minn barra u min le. Għalhekk nħeġġu l-Gvern biex jilleġisla favur il-Morning After Pill. Nappellaw partiti u organizazzjonijiet oħra biex jappoġġaw is-sejħa li qed tagħmel il-Fondazzjoni.

# IL-MOVIMENT TAL-INDIGNADOS "L-IRRABJATI"

*minn Alfred Consiglio*

Erba' snin ilu, folol enormi ta' nies ħarġu fit-toroq u l-pjazez fi Spanja, il-Greċja, l-Amerika u pajjiżi oħrajn. Il-moviment tal-15 ta' Mejju nxtered internazzjonalment; fi Spanja, fejn il-gvern Soċjalista npona waħda mil-miżuri l-aktar ħorox ta' awsterità; fil-Greċja, is-simbolu tal-kriżi ta' dejn tal-istat; fl-Istati Uniti, it-tempju tal-kapitaliżmu dinji; fl-Eġittu u l-Iżrael, iċ-ċentru ta' kunflitt imperjalista mil-agħar u l-aktar stabbilit fis-sod.

Kien hemm attentati, madankollu timidi u żgħar, lejn solidarjetà internazzjonali. Fi Spanja, solidarjetà mal-ħaddiema Griegi kienet espressa bi slogan bħal "Ateni rreżisti, Madrid qum".

Dawk li strajkjaw f'Oakland, l-Istati Uniti, f'Novembru ta' l-2011, qalu "Solidarjetà mal-moviment kontra l-okkupazzjoni fid-dinja kollha."

Fl-Eġittu kien maqbul fid-Dikjarazzjoni tal-Kajr biex jappoġġaw lill-moviment fl-Istati Uniti. F'Iżrael, huma esprimew li "Netanyahu, Mubarak, El Assad huma l-istess."

Dan l-internazzjonaliżmu, iddikjarat spontanjament anki b'mod embrijonali f'mumenti l-aktar sodi tal-Moviment tal-Indignados, hu xi ħaġa ta' perikolu għall-borġeżija li tiġġustifika l-ħakma tagħha fuq il-ħaddiema bl-eżistenza ta' suppost komunità ta' interess bejn sfruttaturi u dawk sfruttati f'kull pajjiż.




Wieħed mis-slogans ripetuti tal-moviment tal-15 ta' Mejju kien li "l-ħolm tagħna ma joqogħdux fil-kaxxi tal-voti". Filfatt, il-Moviment tal-Indignados tqanqal minn tendenza qawwija biex twarrab elezzjonijiet u politika borġeża.

Fil-movimenti tal-2011 beda jkun enfasizzat, b'ħafna tlaqliq, fatt li, illum, jiġifieri erba' snin wara, jidher stramb. Dawn qalu li "dawn in-nies, il-ħaddiema, l-isfruttati li kienu murijin bħala falluti, għażżenin, inkapaċi li jieħdu inizjattiva u joħorġu mill-passività zoppa li n-normalità ta' kuljum tas-sistema tikkundannahom, kienet l-ewwel pass lejn politika vera tal-maġġoranza, 'il bogħod mid-dinja ta' ntriċċi, mid-dinja ta' gideb u manuvri diżonesti li huma karatteristiċi tal-politiku dominanti. Politika li tindirizza l-kwistjonijiet kollha li jaffetwawna, mhux biss l-ekonomija jew il-politika, iżda wkoll l-ambjent, etika, il-kultura, l-edukazzjoni u saħħa". *(Ref: Fuljett tal-International Communist Current).*

B'kuntrast, il-politika borġeża ssostni l-iżolazzjoni ta' kull wieħed minna; targumenta li aħna rridu nikkunsidraw lilna bħala s-sidien tagħna stess, iffaċċjati bi problemi li għanda l-istruttura soċjali u rridu nfittxu s-soluzzjoni tagħhom permezz ta' azzjoni individwali b'vot favur politiċi professjonali. Proċedura, li maż-żmien, tirriżulta biss f'tifrik u rassenjazzjoni akbar.

Il-kapitaliżmu qed jinżel kuljum f'abbiss ta' miżerja għal kotra tal-poplu, bi gwerer u terrur, f'xenarju ta' diżastru ekoloġiku. Il-ħaddiema dejjem ikollhom bżonn u dejjem iridu li jħallsu biz-zalza lil xi ħadd li jipproklama li huwa 's-salvatur' tagħhom, li jipprova jikkonvinċi lill-ħaddiema.

Irridu noqgħodu attenti milli niġu mġiegħla li naħsbu li huwa inutli li niġġieldu lis-sistema għax il-kapitaliżmu dejjem jirkupra. Dan huwa ħafna 'l bogħod mill-verità.

# ODZ fl-Ambjent Malti

*Apert - Birkirkara*

Fiċ-ċokon ta' artna, kellna dejjem nuqqas ta' spazji miftuħin bla bini u ħielsa mil-kontaminazzjoni li jikkaġuna l-iżvilupp urban u kummerċjali, li huwa meħtieġ għat-titjib tal-kwalitá tal-ħajja moderna.

Dment li l-kobor tal-art ta' gżiritna ma tistax titkabbar, dan in-nuqqas jibqa' problema, li ta' kuljum qiegħda tikber relattivament mal-progress soċio-ekonomiku li żviluppajna, u li rridu nkomplu nkabbru.

Għalhekk għandna sistema jew politika tal-"ODZ" (Out of Development Zone), li din tistabbilixxi ż-żoni f'Malta li m'għandux isir bini fihom.

Sfortunatament din is-sistema ddiżappuntatna kull meta ġiet amministrata skorrettament mil-gvernijiet tal-ġurnata. Ruxxmata ta' nvażjonijiet illegali ta' bini f'diversi nħawi tal-pajjiż ġew imbierka u legalizzati bil-poter politiku minn diversi gvernijiet.

Saru dnubiet ambjentali kbar li jvarjaw minn bini llegali ta' kamra fejn il-baħar jew f'nofs il-kampanja, sa estenzjoni ta' lukanda bla permess fuq art tal-gvern. Dawn ħadulna ħafna spazji li kienu identifikati bħala ODZ, u ċaħħduna mis-sbuħija



tal-pajsaġġ rurali u mil-arja pura tal-kampanja, u mit-tgawdija ta' xtajtiet sħaħ. F'ħafna nħawi għamlu ħsara ekoloġika rreparabbli.

L-akbar invażjoni tal-ODZ li seħħet riċenti min-naħa tal-politiċi saret ftit qabel l-elezzjoni tal-2008. Bla ebda konsultazzjoni pubblika u mingħajr avviż, il-ministru konċernat ta' dak iż-żmien kien bidel drastikament il-mappa tal-ODZ tal-pajjiż.

Miż-żona li ma kienetx disponibbli għall-bini, kien naqqas area kbira daqs il-lokal tas-Siġġiewi. Jiġifieri! firxa ta' art purament agrikola ta' dak il-kobor, f'ħakka t'għajn inbidlet f'żona ta' żvilupp, b'żieda kbira ferm fil-valur monetarju tagħha.

B'dik id-deċiżjoni tal-politiku, xi propjetarji marru tajjeb, waqt li s-soċjetà u l-pajjiż spiċċaw telliefa ambjentalment, fiżikament, u f'xi każi anke kulturalment.

Ir-rata mgħaġġla ta' żvilupp f'pajjizna qed tagħmel pressjoni fuq il-konfini preżenti tal-ODZ. Xi politiċi qegħdin jissuġġerixxu li tkun riveduta l-politika tal-ODZ. Iridu wkoll li permess ta' proġett jibda joħroġ bl-approvazzjoni ta' żewġ terzi (2/3) tal-parlament. Veru li gvern jitla' bil-poter li jimplimenta l-politika tiegħu fuq il-linji magħżula mil-elettorat. Pero fiċ-ċokon ta' pajjiżna, l-ambjent għandu preġju għoli ħafna li jimmerita protezzjoni.

Nikkunsidraw l-ewwelnett ir-rekord negattiv tal-politiċi f'dan il-qasam. Nieħdu wkoll it-tagħlima ta' pajjiżi oħra fejn deċiżjonijiet politiċi favur żvilupp ikkaġunaw diżastri ambjentali kbar, bħal fil-każ tax-xmara 'lag' li l-iżvilupp wassal biex l-ilma f'medda ta' ftit snin naqas drastikament. It-tul tax-xmara llum ċkien u jlaħħaq biss madwar 40 kilometru.

Għalhekk tajjeb li wara tant snin jitħejja pjan fuq il-konfini tal-ODZ b'kontribuzzjoni ta' nies tekniċi ndipendenti u bbażata fuq studji.

Pero ma naqbel qatt li l-permess ta' proġett ikun jiddependi totalment mil-parlament. Anzi nemmen li dan għandu jkun f'idejn nies tekniċi bla ndħil politiku min-naħa tal-gvern, ħlief f'każ ta oġġezzjoni fuq bażi soċio-ekonomika jew ta' sigurtá nazzjonali.

*Editorjal*

# L-UNJONI EWROPEJA fl-afja tal-mewt?

Il-poplu Brittaniku vvota f'referedum biex joħroġ lil Renju Unit mil-Unjoni Ewopeja u bħalissa l-politiċi qed jagħmlu l-kutrumbajsi biex ħaddieħor ma jitħajjarx mil-Ingliżi u jagħmel l-istess.

Diġa hemm il-partit lemini estrem Awstrijak li sar l-ikbar partit fl-elezzjoni presidenzjali, kif ukoll il-Moviment 5 Stelle li sar partit kbir fl-Italja. Hemm ukoll gvernjiet tal-pajjiżi eks-komunisti li ftit li xejn jagħtu każ ir-regoli tal-UE ħlief fejn jaqblilhom.

L-Ingliżi vvotaw biex joħorġu mil-UE għal diversi raġunijiet. Fost l-anzjani żgur li kien hemm in-nostalġija għax ma ħamlux jaraw eks-imperu jbaxxi rasu għal li jgħidu l-għedewwa storiċi, Franza u l-Ġermanja. Jidher li ppreferu jkomplu jsiru pupazzi ikbar tal-USA.



Is-swat li qalgħu f'dawn aħħar snin l-Ingliżi, ma kienux tort imma tal-konservattivi, bil-politika ekonomika neo-liberali?

Sfortunatament l-UE dejjem tat palata liċ-ċampjins ta' din il-politika u mponit fuq il-ħaddiema u popli Ewropej l-awsterità li għandha skop wieħed, li l-banek u l-għonja ma jitilfux ċenteżmu minn ġidhom.

Ma dan trid tingħad il-propaganda qarrieqa li saret dwar l-immigrazzjoni. Il-biċċa xogħol hi, li l-UE hija biss favur l-immigrazzjoni biex is-sidien isibu pool ta' ħaddiema mingħajr protezzjoni ta' xejn u li lesti jaħdmu biċ-ċenteżmi.

Jekk il-UE se tkompli f'din it-triq ser naraw aktar popli jagħmlu referenda biex joħorġu mil-UE u b'hekk tiġi fi tmiemha l-ħolma t'Ewropa waħda Soċjali u magħquda.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjetá permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilitá ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' €5 indirizzati lil Żminijietna: P.O Box 35 Sliema. SLM1000 jew BOV account number 40013290155***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitbiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna. Ir-riklami huma bi ħlas.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn KoPri Koperattiva u stampar Union Print, Marsa.**

# Il-ĠID u l-FAQAR

Fil-preżent min fuq Malta għaddejja sħaba sewda u jekk ma noqogħdux attenti ser nerġaw nitfaw l-arloġġ lura għas-sittinijiet u tmeninijiet.

Hija ħasra, li wara stabilità u titjieb kbir fil-qasam ekonomiku u soċjali, l-Membri Parlamentari li jitħallsu mit-taxxi tagħna daħħlu fi sqaq u f'polemika taħraq li ġġib inkwiet serju lil Malta.

Flok jużaw ir-raġuni, is-sens komun, l-etika u r-responsabilità li hemm marbut mal-pożizzjoni li jokkupaw, fetħu kampanja ta' konfrontazzjoni l-aktar dwar jekk hemmx involviment dirett jew indirett f'xi forma ta' korruzzjoni.

Mhux il-ħsieb tagħna li niġġudikaw, iżda huwa d-dover tagħna li nikkundannaw kull forma ta' korruzzjoni għax din teqred il-fibra morali, ekonomika u soċjali tagħna u ta' Malta.

Aħna bħala pensjonanti, li eluf minnha huma f'riskju ta' faqar, nappellaw lill- Membri Parlamentari kollha biex din il-problema tkun solvuta mill-aktar fis possibbli. F'ġieħ is-sewwa, ejja ma nkissrux dak kollu li għandna tajjeb.

Minn meta Malta saret membru fl-Unjoni Ewropeja, sar titjieb kbir fil-qasam Ekonomiku, Soċjali, Kulturali, u Ambjentali.. etċ. In-numru ta' nies bla xogħol naqas sostanzjalment, u numru konsiderevoli ta' nisa daħħlu lura fid-dinja tax-xogħol. Fil-qasam soċjali, wkoll tniedew benefiċċji ġodda, li nkuraġġew persuni qiegħda biex isibu xi forma ta' mpjieg. Mhux ta' b'xejn li l-ekonomija kibret 6.3%.

Fid-dawl ta' dan il-progress, jidher biċ-ċar li l-ġid inħoloq f'oqsma varji, fosthom, is-Servizzi Finanzjarji, il-Kostruzzjoni, it-Turiżmu, E-Gaming u oħrajn. Iżda, b'dispjaċir kbir u nspjegabbli nistqarru li dan il-ġid ma wasalx għand in-nies vulnerabbli u fil-bżonn, iżda għand ftit miljunarji li flushom qas biss iħalluhom Malta, iżda jinvestuhom ħafna l-bogħod minn għżiritna.

Sa dan it-tant, eluf ta' nies qed jaħdmu b'paga baxxa, u r-rati tal-pensjoni huma baxxi wkoll, meta kkomparati ma' prezzijiet li għolew m'ogħla s-smewwiet. F'kelma waħda, ir-realtà llum hija waħda, is-sinjur sar aktar sinjur u l-fqir sar aktar fqir.

Il-kawża ta' din is-sitwazzjoni mwera hija waħda ċara, għaliex il-pagi u l-pensjonijiet baxxi li għandhom eluf ta' nies, qed ikunu mikulin u maħtufin b'mod goff, sfaċċat u bla rażan mill-gvern. Dan jinħass l-aktar, meta, iċ-ċittadini vulnerabbli jmorru jixtru prodotti u servizzi essenzjali.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' affarijiet ta' ikel u oġġetti oħra essenzjali, wieħed jista' isib prezzijiet kompetittivi, iżda persuna titkisser meta tmur tixtri xi servizz. Il-prezzijiet mitluba għas-servizz, minn dentist sa IT, mekkaniks, manutenzjoni tad-dar, kostruzzjoni u tant oħrajn, huma esaġerati ħafna. Dawn jogħlew b'mod regolari u bla kontroll.

Infakkar li l-ħaddiem u pensjonant jieħu l-ogħli tal-ħajja, din is-sena €1.75 fil-ġimgħa, filwaqt li s-sinjuri ndikati jgħollu kemm iridu, u bla skrupli. Dan mhux biżżejjed, isir dak kollu possibbli biex isir evażżjoni tal-VAT u t-taxxa. Mhux ta' b'xejn li l-pensjonijiet ma humiex sostenibbli, u l-ġid miksub mhux jasal għand nies fil-bżonn u vulnerabbli.

It-twemmin, li min ma għandux jgħix ma min għandu twarrab għal kollox. Isir ħafna paroli dwar il-ġustizzja soċjali, iżda fil-verità din mhux qed tkun applikata mal-batut u ma' nies oħra vulnerabbli.

***Carmel Mallia***
***Viċi President***
***Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti***

# In-NATO qed taħdem għall-Paċi?

*Sukant Chandan jagħti l-veduti tiegħu fuq din il-kwistjoni.........*

Żminijietna qed twassal lill-qarrejja rapport tad-diskors ta' Sukant Chandan (ritratt), diskors li għamel waqt Konferenza li saret f'Malta ftit tal-ġimgħat ilu. Konferenza li ġiet mtellgħa mil-*Organizazzjoni ALBA MALTA NORTH AFRICA*.

Il-Konferenza ddiskutit tema li ftit li xejn tiġi diskussa f'Malta. Tema li ħafna fuq ix-xellug iżommu lura milli jiddiskutu. Wieħed jistaqsi kemm vera n-NATO taħdem għall-paċi; kemm vera l-interess tagħha hu wieħed demokratiku; bix-xellug radikali fl-Ewropa jitlob għall-iżmantellar ta' din l-organizazzjoni. Tajjeb li f'Malta temi bħal dawn li jolqtuna direttament jiġu diskussi aktar.

*Sukant Chandan huwa meqjus bħala analista-politiku minn Londra li jitkellem favur il-liberalizazzjoni tan-Nofs in-Nhar tad-Dinja mil-Imperjaliżmu u Kolonjaliżmu.*

*Huwa twieled f'Chandigarh, fi Tramuntana tal-Indja, u għex ġewwa Londra minn età żgħira. F'Żgħożitu nvolva ruħu f'movimenti anti-imperjalisti u soċjalisti.*

*Kien wieħed mil-fundaturi tal-Partit Soċjalista Laburista ta' Arthur Scargill. It-twaqqif tiegħu fl-1996 kien reazzjoni għall-politika ta' Tony Blair li kienet qed tabbanduna l-politika Soċjalista (http://www.socialist-labour-party.org.uk/), u anke kien il-fundatur tal-grupp radikali taż-żgħażagħ anti-imperjalista "Che-Leila Youth Brigades".*

*Sukant Chandan ħadem fuq ħafna kampanji u proġetti li jinkludu żjara tal-Ewwel Membru Parlamentari tal-Partit Hizbullah ġewwa l-Parlament Ingliż; organizza numru ta' konferenzi ma' Leila Khaled (ex ġellieda u attivista Palestinjana), mal-Moviment Black Panthers ġewwa l-Amerika u ma' George Galloway (ex MP Ingliż). Riċentament ħadem wkoll flimkien ma' organizazzjonijiet u partiti oħra anti-imperjalisti b'solidarjetà mal-poplu Sirjan u Libjan.*

*Preżentament huwa jokkupa l-kariga ta' koordinatur tal-Pjattaforma Tri-Kontinentali Anti-Imperjalista u l-Moviment 'Malcolm X'.*



**Rapport tad-Diskussjoni**

Sukant Chandan beda d-diskors tiegħu mil-lat storiku u qal li l-Ewwel Gwerra Dinjija kienet gwerra bejn il-pajjiżi kbar Kolonjalisti, bil-Ġermanja teħodha kontra l-Gran Brittanja u Franza, peress li dawn il-pajjiżi kienu jikkontrollaw ferm aktar pajjiżi minnha. Kien għalhekk li dawn il-pajjiżi spiċċaw marru fi gwerra kontra xulxin biex jaraw minn hu l-iktar pajjiż b'saħħtu ekonomikament u militarjament.

Riżultat ta' dan, fl-1917, folol kbar ta' nies mmexxija minn Lenin u l-Partit Bolxevista, bl-islogan *"Land, Peace and Bread",* iddeċidew li jmexxu kampanja kontra l-gwerra imperjalista biex ibidlu l-gwerra f'waħda soċjalista.

L-uniku forza oħra progressiva fl-Ewropa dak iż-żmien, li wkoll kienet qed topponi l-gwerra imperjalista, kif setgħet, kienet dik ġewwa Dublin fl-Irlanda fl-1916. Infatti, kompla jgħid Sukant din is-sena fakkarna il-mitt sena minn meta seħħ dan l-avveniment storiku, magħruf bħala 'The Easter Uprising'.

Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-kontradizzjonijiet fis-sistema kapitalista u mperjalista bdew jintensifikaw aktar. Lenin wkoll kien antiċipa dawn il-kontradizzjonijiet, fejn aktar qabel kien ta' spjegazzjoni tagħhom. Lenin kien qal hekk li l-kontradizzjonijiet fis-sistema kapitalista u mperjalista se jwasslu għal tlett avvenimenti:

- għall-ġlieda bejn l-istess pajjiżi mperjalisti,
- għall-ġlieda bejn dawk il-pajjiżi mperjalisti u dawk li qed jiġu oppressati,
- u għall-ġlied intern fil-pajjiżi mperjalisti bejn il-klassi ta' poter u dawk oppressati li huma l-ħaddiema.

Sukant kompla jgħid li dawn il-kontradizzjonijiet komplew jintensifikaw aktar meta fil-perjodu ta' l-1930, il-Ġermanja bdiet tħossa li sabet ruħha f'pożizzjoni ambigwa riżultat ta' l-Ewwel Gwerra Dinjija. Infatti hekk kif feġġet il-kriżi ekonomika kapitalista fil-perjodu bejn l-1930 u l-1933, l-affarijiet splodew. Kien f'dan il-mument li l-klassi tal-ħaddiema fil-Ġermanja riedet risposta mmedjata u l-għażla li ngħatatilhom kienet li jew jimxu wara l-moviment faxxista mmexxi minn Hitler ; jew li jimxu wara l-moviment Komunista favur is-Soċjaliżmu. Ta' min jinnota li ma' dawn it-tnejn kien hemm it-tielet forza li kien il-moviment soċjal demokratiku.

Li ġara hu imma, li ħafna min nies li kienu attivi fil-moviment Komunista *'Red Front Brigades', moviment* li kien qed jiġġieled kontra l-qawmien tal-faxxiżmu u Nażiżmu fil-Ġermanja, spiċċaw maqtula. Iċ-ċifra ta' dawk maqtula tlaħħaq l-eluf. Sfortunament il-moviment progressiv u dak komunista ġie sterminat mil-moviment faxxista b'kollaborazzjoni ma' s-Soċjal Demokrazija.

Dan l-aġir mis-soċjal demokrazija ffaċilita l-process biex it-tmexxija tal-pajjiż tgħaddi f'idejn Hitler. Dawn huma fatti storiċi. (*Roza Luxemburg sfat vittma ta' din il-kollaborazzjoni 'anti-komunista').*

Sukant kompla li l-Unjoni Sovjetika dak iż-żmien kienet diġà teżisti u kienet ta' wġigħ ta' ras għall-imperjaliżmu, peress li kienet qed taħdem sabiex diversi pajjiżi jieħdu l-Indipendenza tagħhom mil-ħakma Kolonjali u Imperjalista. Kawża ta' dan l-Unjoni Sovjetika spiċċat tqaċċtet il-barra minn dik li hi l-'Ekonomija Dinjija'.

Il-moviment Komunista fl-Ewropa wkoll kien imnebbaħ mil-ħsieb ta' Lenin li kien jgħid hekk "li jekk il-komunisti fil-pajjiżi tal-punent, ma jappoġġjawx b'mod prattiku l-kawża għall-ħelsien ta' pajjiżi mil-ħakma Kolonjali u Imperjalista, dawn m'għandhomx dritt jsejħu lilhom infushom Komunisti".

Sukant kompla jgħid li meta tħares lejn l-istorja tinduna, li l-qawmien ta' Hitler fil-poter jirrappreżenta l-kriżi tal-kapitaliżmu u l-imperjaliżmu. Dak li qed jiġri llum, biż-żieda fil-popolarità ta' nies bħal Trump, Nigel Farage, Marie Les Pen, u Partiti oħra bħal *Alternative for Germany, Swedish Democrats, u Austrian Freedom Party*, huma lkoll sinjali ta' kriżi fl-ekonomija. Kriżi li ftit li xejn hemm soluzzjoni għaliha.

Bil-kuntrarju ta' dak inhar, illum m'għandniex forza oħra progressiva u b'saħħitha biex tiġġieled il-mewġa tal-lemin estrem. Lanqas m'għandna kuxjenza radikali u ta' solidarjetà fost il-moviment tal-ħaddiema. Li għandna llum hu razziżmu; mibgħeda kontra l-immigranti, barranin, u nies bi twemmin Iżlamiku.

Sukant qal li Hitler wkoll kien jqies lill-Unjoni Sovjetika u l-Partit Komunista Ġermaniż bħala organu mmexxi minn nies ta' twemmin u dixxendenza Bolxevista – Lhudija 'Jewish-Bolshevik'. S'intendi din kienet mentalità faxxista u razzista; għalkemm huwa minnhu li Lhud kienu attivi fil-moviment Komunista li kien l-aktar moviment progressiv għal dak iż-żmien; fejn kellek il-Lhud qed jiġu ppersegwitati u l-moviment komunista jiġġieled għall-

**Ikompli f'paġna 5**

# *"Issa hu 'l waqt li ningħaqdu, għax jekk ma ningħaqdux se nispiċċaw, għax il-kriżi ekonomika kapitalista se tkompli tiħrax".*

ħelsien mil-Faxxiżmu u Nażiżmu. Hitler wkoll kien iqis lill-poplu Slav bħala razza umana ta' livell baxx.

Kompla jgħid li Hitler li għamel hu, li qabad id-dritt tas-Supremazija Kolonjali u trasforma f'waħda li tillaċċja mal-ħsibijiet tiegħu, ta' Supremazija Ewropeja. Dan il-kunċett ta' "Supremazija" ġie żviluppat u prattikat mil-Gran Brittanja, 'bl-iskjavitu' ta' nies mil-Afrika. Hitler ried jimxi fuq dawn l-istess passi.

Li ġara hu, li Franza u l-Gran Brittanja ppruvaw jinstigaw lil Hitler biex imur jattakka u jkisser lill-Unjoni Sovjetika. Imma Stalin u l-Bolxevisti ndunaw b'dak li kien qed jinħema u mil-ewwel għamlu Trattat ta' Paċi ma' Hitler li baqa' magħruf bħala 'Molotov–Ribbentrop Pact'. Malli faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija ħadd ma setgħa jispjega l-aspirazzjoni u sehem li tat l-Armata l-Ħamra biex intrebħet il-gwerra kontra n-Nażiżmu u l-faxxiżmu, mhux biss fl-Ewropa, imma anke fiċ-Ċina bit-tmexxija ta' Mao Tse Tung, fil-Kontinent Afrikan u dak Asjatiku.

Bejn l-1941 u l-1945, l-Indja sabiex tissuplixxi l-ammont rikjest ta' qoton, ross u essenzjali oħra lill-Gran Brittanja kellha tgħaddi min żmien ta' ġuħ, fejn ma' tlett miljun persuna mietu minħabba dan. Dana kollu biex tgħaqdi l-ħtiġijiet tal-Gran Brittanja fit-Tieni Gwerra Dinjija. Anke nies mil-Indja servew fil-militar Ingliż.

Għal Gran Brittanja, Stalin kien magħruf bħala "Uncle Joe". Stalin, tista' taqbel jew ma taqbilx miegħu jew anke saħansitra tobgħodu, imma l-fatt jibqa' li hu mexxa l-Unjoni Sovjetika 'l quddiem. Ir-reżistenza li writ l-Armata l-Ħamra taħtu waslet għar-rebħa kbira kontra l-Faxxiżmu u Nażiżmu; kienet xi ħaġa ta' barra minn hawn.

B'riżultat ta' dak li ġara fil-gwerra, l-imperjaliżmu sab ruħu f'pożizzjoni ambigwa, fejn kellek l-Unjoni Sovjetika fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra l-mewġa ta' kurrent soċjalista li kien qed tinfirex ma' diversi



kontinenti oħra tad-dinja.

Infatti meta l-Gran Brittanja rat hekk, bdiet taħdem attivament, speċjalment fil-Vjetnam, sabiex nies b'tendenzi komunisti jintefgħu l-ħabs, jew jinqatlu u jinħelsu dawk faxxisti, sabiex il-moviment soċjalista ma jkomplix jinfirex f'dak ir-reġjun. Kien hawn li nħolqot in-NATO biex iżżomm milli



jkompli jinfirex il-moviment soċjalista f'diversi reġjuni tad-dinja.

L-istess spjegazzjoni ta' dan li qed ngħid kien ta l-istess kap kmandant tan-NATO dak inhar li nħolqot. Kien qal hekk li "NATO ġiet maħluqa biex iżżomm r-Russja l-barra, l-Amerika ġewwa u 'l fuq fi tmexxija u l-Ġermanja l-isfel". Biss biss fil-gwerra tal-Korea, l-imperjaliżmu qatel ma' l-erba' miljun persuna, kif ukoll impona reġim faxxista biex jmexxi n-naħa t'isfel tal-pajjiż.

Sukant kompla jgħid li mal-kollass tal-Unjoni Sovjetika kien intqal li fid-dinja se terġa tirrenja l-paċi; li nies fil-pajjiżi tal-punent kienu se jgawdu minn titjib fil-livell tal-għajxien konsegwenza ta' dan; li l-popli fid-dinja se jkunu ħielsa; u li l-popli se jgawdu minn aktar drittijiet soċjali.

Li ġara kien bil-kontra, seħħet mewġa kbira ta' privatizazzjoni; ġenoċidju ekonomiku fuq il-pajjiżi l-foqra; esplojtazzjoni ta' riżorsi naturali; u gwerer imperjalistiċi sabiex imexxu 'l quddiem l-aġenda tagħhom fid-diversi reġjuni tad-dinja, taqbel jew ma taqbilx ma tip ta' tmexxija li kellhom dawn il-pajjiżi.

Li qed niffaċċjaw illum hu l-istess ta' dak li għaddejna minnhu fl-istorja. L-imperjaliżmu qed jagħmel min kollox biex ikisser l-alleanzi li qed jinbnew f'dinja multipolari fosthom, il-BRICS Alliance, l-għaqda bejn id-diversi pajjiżi fl-Amerika Latina, u l-mewġa progressiva fil-pajjiżi Għarab.

Sukant għalaq id-diskussjoni billi qal li l-mewġa dejjem tikber ta' razziżmu u faxxiżmu fl-Ewropa qed terġa tinżergħa biex iżżomm il-bogħod milli l-poplu jingħaqad kontra l-kriżi ekonomika kapitalista li qed tiffaċċja d-dinja llum.

Kompla jgħid li rridu naċċettaw l-immigrazzjoni; irridu naħdmu sabiex terġa tidħol l-għaqda bejnietna, bejn il-forzi kollha progressivi u anti-imperjalisti; irridu naħdmu għal solidarjetà ma' dawk il-pajjiżi li qed jiġġieldu l-politika mperjalista fosthom il-Veneżwela u l-Bolivja. Issa hu l-waqt li ningħaqdu, għax jekk ma ningħaqdux se nispiċċaw, għax il-kriżi ekonomika se tkompli tiħrax.

*Ritratt*
*paġna 4 - Sukant Chandan*

*paġna 5 fuq - L-Assemblea fejn jiltaqgħu l-pajjiżi msieħba fin-NATO*

*paġna 5 isfel - Sukant Chandan ma' Leila Khaled (ex ġellieda Palestinjana u llum attivista)*




# PANAMA PAPERS, KORRUZZJONI U TAĦWID

*L-Alleanza Liberali tisħaq li l-liġi tal-Finanzjarjament tal-Partiti se tkisser il-Partiti Żgħar.*

***John Zammit***
***Johnpzammit@gmail.com***

Dawn l-aħħar xhur Malta u Għawdex għaddejna minn burraxka ta' taħwid. Dan ġara wara li grupp ta' ġurnalisti nvestigativi rnexxilhom jikxfu mijiet ta' ismijiet ta' personaġġi minn ħafna pajjiżi tad-dinja, wħud minnhom politiċi.

F'pajjiżi bħal Iżlanda rajna rriżenja tal-prim ministru u f'postijiet oħra kien hemm riżenji oħra. Ta' l-iskantament kien li Malta wkoll instab li kien hemm minn kien involut u l-aktar li ssemma kien il-Ministru Konrad Mizzi li kellu nvestimenti fil-Panama.

Ġara, li wara dana, saru numru ta' protesti f'Malta, kemm mill-Partit Nazzjonalista u anke minn diversi għaqdiet oħra li jinkludu 'Civil Society Network'. Ġara wkoll, li fil-Parlament darbtejn tressqu mozzjonijiet ta' sfiduċja, bi tnejn jintilfu. Biex imbagħad il-Prim Ministru Joseph Muscat neħħa lil Konrad Mizzi minn Ministru tal-Enerġija u s-Saħħa u għamlu bla portafol. Iżda xorta ħallih ministru, għalkemm sar xi tibdil fil-Kabinett.

Ġara wkoll li l-poplu qam u beda jikteb u jitkellem dwar il-korruzzjoni, tant li minn stħarriġ mil-Midja ħareġ li l-ikbar problema li issa għandna fil-pajjiż hija l-korruzzjoni, li



għaddiet it-tħassib tal-poplu dwar l-immigrazzjoni irregolari li dana l-aħħar espandit aktar fl-Ewropa mal-gwerra fis-Sirja u l-Libja.

Rajna wkoll it-twaqqif ta' partit politiku ieħor li twaqqaf minn Marlene Farrugia li telqet mil-Partit imsejjaħ Moviment Laburisti, Moviment tal-Progressivi u l-Moderati (li għalija personali m'għandu x'jaqsam xejn mal-Partit Laburista tal-għażiż u maħbub Dom Mintoff, li din is-sena jagħlaq mitt sena minn twelidu.

Waqt li aħna bħala Alleanza Liberali nifirħu u nawguraw lill-partit il-ġdid, nixtiequ li jkun hemm aktar ftehim u għaqda bejn il-partiti ż-żgħar, speċjalment issa li qed toqrob l-elezzjoni tal-2018. Nixtieq li kieku l-poplu minflok li jħalli kollox għaddej meta tiġi l-elezzjoni, kif ħafna qed jgħidu li se jagħmlu peress li mhux se joħorġu jivvotaw, joħorġu u jivvotaw lill-partiti żgħar. Lil dawn li qed jgħidu hekk għandhom iktar joħorġu jivvotaw bil-qawwa kontra l-korruzzjoni u dan peress li issa għandna esperjenza taż-żewġ partiti l-kbar fil-gvern. In-nies għandhom jaħsbu sew b'moħħhom u jivvotaw għal partiti ż-żgħar li għalkemm bħalissa huma żgħar jafu jsiru kbar u jagħmlu effett fuq is-sitwazzjoni prekarja li ġabuna fiha l-partiti l-kbar.

B'hekk jekk imqar wieħed mill-partiti żgħar jirnexxilu jtella' membru fil-Parlament naraw is-sitwazzjoni tinbidel u s-sistema tal-50% + 1 vot tinqaleb u hekk il-partiti l-kbar ma jkunux jistgħu jibqgħu jagħmlu li jridu u jibqgħu għaddejjin minn fuq kulħadd bħal romblu.

Huwa għalhekk li l-partiti żgħar kollha, Alleanza Liberali, Alternattiva Demokratika, Alleanza Bidla, Partit Demokratiku, Partit Komunista u oħrajn, jekk naħdmu flimkien żgur li nġibu riżultat pożittiv li jista' jgħin biex jkun hemm tibdil fis-sitwazzjoni kerha li għaddej pajjiżna bħalissa.

Sadattant f'Ġunju l-Kummissjoni Elettorali ħarġet il-formoli ta' l-applikazzjoni biex il-partiti jirreġistraw mal-istess kummssjoni, li iżda għall-partiti żgħar ma tantx hija liġi favorevoli għax iktar ġiet magħmula biex tifgana milli biex tirregolarizza lill-partiti, għax jekk ma noqgħodux attenti nispiċċaw inħallsu l-multi u msallbin li nitkissru kif eżatt iridu jagħmlulna l-partiti l-kbar. Din għalina mhix demokrazija u ta' min nagħmlu kuntatt mal-OSCE biex josservaw x'qed jigri f'Malta.

Per eżempju issa se jkollna nqabdu avukat u awditur biex il-partiti żgħar nimxu ma' din il-liġi. Għalina hija spiża li ma nifilħux nagħmluha, għax partiti żgħar għandhom ftit flus, li noħorġuhom bejnietna meta tiġi l-elezzjoni u niddikjarawhom quddiem Maġistrat b'ġurament.
Nagħlaq billi nappella li jekk hemm xi Awditur u Avukat li jixtieq jgħin lil Alleanza Liberali jista' jikteb fl-emejl li tinsab fuq jew iċempel fuq 21690365.

Ta' dan f'isem sħabi tal-Partit nirringrazzjakom.

---

# L-Ispektru tal-Politika fl-Ewropa qed jinbidel.

Il-pajjiż ta' Spanja reġa mar għall-elezzjoni l-Ħadd 26 ta' Ġunju. Bil-kontra ta' dak li kien imbassar, il-Koalizjoni Xellugija 'Unidos Popular', li hi għaqda bejn il-partit xellugi-radikali 'Podemos' u l-partit xellugi-komunista magħqud 'Izquierda Unida' ma rnexxilhom jiksbu voti biżżejjed biex jkunu t-tieni l-ikbar forza fil-pajjiż. Filwaqt li naqqsu fil-voti, żammew l-istess ammont ta' siġġijiet mil-aħħar elezzjoni.

Mil-banda l-oħra, l-Partit Popolari (PP) taċ-ċentru lemin żied fl-appoġġ u l-persentaġġ tal-voti, fejn minn 123 siġġu, illum telgħa għal 137, bl-aktar li jsofri minn din iż-żieda jkun il-partit lemini Ciudadanos li esperjenza tnaqqis drastiku f'dak li huwa siġġijiet.

Is-Soċjal Demokrazija (PSOE) taċ-ċentru xellug, li għada t-tieni l-ikbar forza fil-pajjiż wkoll żiedet fl-appoġġ tagħha. PSOE imma eskludit l-ideja li tifforma Gvern ta' Koalizjoni mal-(PP), kif ukoll għamel dan il-partit lemini Ciudadanos. Fl-istess waqt it-tnejn urew ix-xewqa li jgħinu lil



(PP) sabiex jiġi fformat gvern ta' minoranza. Għal dak li hu xellug, kien ta' diżappunt li x-Xellug Radikali u Komunista ma jrnexxilux jżid fl-appoġġ. Għalkemm kien pożittiv li f'temp ta' tlett snin din il-formazzjoni ġdida irnexxilha ġġib l-appoġġ ta' 20% tal-elettorat.

Bil-kontra ta' dak li seħħ fl-Inghilterra (BREXIT), l-erbgħa partiti maġġuri fi Spanja (PP - PSOE-Unidos Popular-Ciudadinos) lkoll qablu li għalkemm l-Ewropa mhiex l-idejali, imma xorta aħjar li l-pajjiż jibqa' ġewwa. Jidher li riżultat favur BREXIT fl-Inghilterra kien ta' xprun sabiex in-nies fi Spanja (ta' etá medja 'l fuq)toħroġ tappoġġja l-partiti taċ-ċentru minħabba l-biża ta' referendum għall-Indipendenza tal-Katalonja minn Spanja. Fost iż-żgħażagħ, dan jaf ħadem bil-kontra fejn żdied in-nuqqas ta' appoġġ lejn il-klassi politika, li dan f'din l-elezzjoni affettwa x-xellug radikali u komunista li suppost f'mument bħal dan kellu jżid l-appoġġ fost din il-ġenerazzjoni. Kif kien mistenni x-xellug radikali/komunista żied l-appoġġ fir-reġjun tal-Katalonja.

Żgur li l-affarijiet kif qed jiżvolġu wara riżultat tal-elezzjoni jżomm il-bogħod milli tiġi ffurmata koalizjoni leminija (PP/Ciudadanos) jew xellugija (PSOE/Unidas Popular). Il-bilanċ tal-poter qiegħed f'idejn partiti bi twemmin 'nazzjonalisti' mir-reġjun tal-Katalonja, ir-reġjun Bask u Canary Islands, fejn ikoll flimkien dawn ġabu 25 siġġu. Kemm il-(PP) u (PSOE) lkoll ma' jaqblux mal-ideja li jsir referendum għall-Indipendenza tal-Katalonja minn Spanja.

Din il-pożizzjoni kontra referendum qed iżżomm lura milli l-forzi fuq ix-xellug, li hi l-ikbar forza fil-pajjiż tingħaqad f'koalizjoni flimkien bħalma sar riċenti fil-Portugal fejn llum hemm gvern ta' koalizjoni xellugija li tinkludi *ċ-ċentru xellug-xellug radikali-komunista-ħodor.*

# Global Financial Ponzi Scheme

*Sammy Camilleri*
*Ontario, Canada*

The Numbers that you are about to see are likely to shock you. They prove that the Global Financial Ponzi Scheme is fr more extensive than most people would ever dare to imagine. As you will see below the total amount of debt in the world is now more than three times greater than Global Gross Domestic Product.

In other words, you could take every single good and service produced on the entire planet this year, next year and the year after that and it still would not be enough to pay off all the debt. But even that number pales in comparison to the exposure that Big Global Banks have to derivatives contracts. It is very hard to put into words how reckless they have been.

At low end of the estimates, the total exposure that global banks have to derivatives contracts is 710 Trillion Dollars.

That is an amount of money that is almost unimaginable, and the reality of the matter is that there is really not all that much actual "Money" in circulation today. In fact, as you will see below, there is only a little bit more than a Trillion Dollars of U.S currency that you can actually hold in your hands in existence.

If we all went out and tried to close our bank accounts and investment Portfolios all at once, that would create a major league crisis. The truth is that our financial system is a little more than a giant pyramid scheme that is based on debt and paper promises. It is literally a miracle that is has survived for so long without collapsing already.

When American Banks think about Financial Crisis that we are facing, the largest number that they usually can think of is the size of the U.S National Debt and at over 17 Trillion Dollars, it truly is massive. But it is actually the 2nd smallest number on the list below. The following are 12 numbers about the global Financial Ponzi Scheme that should be burned into your brain.




$1,280,000,000,000 – Most people are really surprised when they hear this number. Right now, there is only $1.28 Trillion worth of U.S currency floating around out there.

$17,555,165,805,212,27 – This is the size of the U.S National Debt. It has grown by more than 10 Trillion Dollars over the past ten years.

$32,000,000,000,000 – This is the total amount of money that the global elite have stashed in offshore banks (That we know about).

$48,611,684,000,000 – This is the total exposure that Goldman Sachs has to derivatives contracts.

$59,398,590,000,000 – This is the total amount of Debt (Government, Corporate, Consumer, etc) in the U.S. Financial System. 40 years ago this number was just a little bit above $2 Trillion.

$70,088,625,000,000 – This is the total exposure that J.P Morgan Chase has to derivatives contracts.

$71,830,000,000,000 – This is the approximate size of the GDP of the entire world.

$75,000,000,000,000 – This is approximately the total exposure that German Banking Giant Deutsche Bank has to derivatives contracts.

$100,000,000,000,000 – This is the total amount of Government Debt in the entire world. This amount has grown by $30 Trillion just since mid 2007.
$223,300,000,000,000 – This is the approximate size of the total amount of debt in the entire world.

$236,637,271,000,000 – According to the U.S Government, this is the total exposure that the top 25 Banks in the United States have to derivatives contracts. But those Banks only have total assets of about $9.4 Trillion combined. In other words, the exposure of our largest Banks to derivatives outweighs their total assets by a ratio of about 25 to 1.

$710,000,000,000,000 to $1,500,000,000,000,000 – The estimates of the total National value of all Global Derivatives Contracts.

Generally fall within this range. At the high end of the range, the ratio of derivatives exposure of global GDP is about 21 to 1.

Most people tend to assume that the 'Authorities' have fixed whatever caused the Financial World to almost end back in 2008, but this is not the case at all.

In fact the total amount of Government Debt around the globe has grown by about 40% since then, and the 'Too Big to Fail Bangs' has collectively gotten 37% larger since then. Our "Authorities" didn't fix anything. All they did was reinflate the bubble and kick the can down the road for a little while.

I don't know how anyone can take an honest look at the numbers and not come to the conclusion that this is completely and totally unsustainable. How much debt can the Global Financial system take before it utterly collapse? How recklessly can the Big Banks behave before the house of cards that they have constructed implodes underneath them?

For the moment, everything seems fine, and credit is flowing like wine, but at some point a day reckoning is coming, and when it arrives it is going to be the most painful financial crisis the world has ever seen.




# Marx's Ecology:*Materialism and Nature*

Kif jgħidu l-progress jirrikjedi li l-bniedem jaħkem fuq in-natura.

Dan il-ħsieb jbiddel kompletament dak li kien jingħad fuq id-diversi interpretazzjonijiet ta' Karl Marx, fejn f'dana kollu joħroġ ċar il-ħsieb razzjonali li kellu għall-kriżijiet ambjentali ta' llum.

Ħafna fuq ix-xellug jassumu li Marx ħaseb biss fuq il-produzzjoni ndustrijali u l-iżvilupp ta' forzi ekonomiċi. Fil-kitba tiegħu, John Bellamy Foster jxejjen dawn l-assunzjonijiet. Foster eżamina d-diversi kitbiet ta' Marx li ftit li xejn ingħataw importanza, li jinkludu l-agrikoltura f'sistema kapitalista, l-ekoloġija, il-filosofija, u teorija tal-evoluzzjoni.

Foster wera, li Marx, minn persuna li kien kritiku ħafna tas-sistema kapitalista, kien ukoll konxju ħafna tal-bidliet li qed jġib il-bniedem fir-relazzjonijiet tiegħu mal-ambjent naturali.

Il-ktieb jkopri ħassieba oħra fosthom Epicurus, Charles Darwin, Thomas Malthus, Ludwig Feuerbach, P. J. Proudhon, and William Paley.

Bir-rikostruzzjoni tal-kunċett materjali tas-soċjetá u n-natura, il-ktieb "Marx's Ecology" jikkonfronta l-ħsieb spiritwali li jħaddan il-moviment ambjentali llum, u jħares lejn metodi li joffru soluzzjonijiet sostenibbli. Soluzzjonijiet li jkopru tul akbar ta' żmien fil-konfront tal-kriżijiet ekoloġiċi. Anke "Eko-Soċjalisti" bħalma hu Murray Bookchin aċċetta l-veduti ta' Marx fuq l-ekoloġija u l-progress.

# Better Policies For Refugees

*minn Mary Anne Zammit*

The war and conflicts in Syria, Afghanistan and Africa have rendered people destitute, seeking refuge in another country. Most often, these individuals have endured loss, persecution and their only hope is a new life in a new country. Rather than fulfilling their hopes they end up displaced, stuck in camps at borders and unable to return to their countries. Last year, around 63.5 million people were displaced and a record of, 2 million asylum claims were filed in the year 2015. Even, the year 2016 was not spared from death of immigrants in the Mediterranean Sea.

For the Mediterranean region these are not isolated cases with situations of African immigrants travelling through deserts and risking their lives on sea towards Europe. Under International Law, immigrants who are rescued and brought to land are given the opportunity to apply for refugee status. According to the UNHCR United Nations Refugee agency, in 2016 around 10.9 percent of asylum seekers received the status of refugee in Malta.

Recently, the Section for Immigrants of the Malta Refugee Commission has come up with various proposals and which were presented to the Authorities. These proposals entail that refugees would be entitled to citizenship after five years living in Malta. The same applies for children born in Malta.

The position of those with no International protection should be re examined again and immigrants who work with permit should start paying the



Social Security Contributions. In return, they get the same rights and beneficiaries as other workers such as in the case of illness and injury. Furthermore, the use of travelling documents for those without temporary protection should be issued. Those with refugee status should be helped to re unite with their families.

These measures help to alleviate the suffering and frustrations of refugees as well as help in their reintegration ensuring that they live in dignity with access to proper living.

Conceivably, the ones most at risk are women and children who due to many circumstances are compelled to leave their country. Statistics indicate that women are outnumbering men by 60%, denoting that women and children are also at risk of losing their lives either in the Mediterranean sea or on land en route to Europe.

Women are fleeing from countries such as Syria, Afghanistan and Africa in order to escape persecution, discrimination and gender based violence. But for all that, it is not unusual for women who travel alone to Europe to suffer further violence. Most often, these women have to deal with rape, sexual assault, sexual harassment from various perpetrators. They may be forced into prostitution, sold for marriage or trafficked.

Of high concern, is the fact that because of lack of awareness from Authorities, lack of data of crimes, and the victim's reluctance to speak about their experiences, these cases remain unreported.

Women's Movements in Europe are calling out for more comprehensive policies to end all forms of violence against women and girls. Furthermore, ensure that women and girls refugees and asylum seekers are protected and have access to Justice.

Therefore, it is crucial to reach out to these victims in need who are not in a position to report. One should note that the Council of Europe Convention on preventing and combating violence against women and domestic violence more known as the Istanbul Convention, provides protection of refugee women against violence.

A legislative framework is required by the parties of the Convention in order to recognize gender based violence as a form of persecution in line with the refugee Convention. Overall, more human migration policies should be a priority by all European countries to facilitate a safe process, access to asylum and to foster effective reintegration.

# Ħondoq ir-Rummien salvat imma għadu mhux protett.

Il-moviment ambjentali f'Malta għadda minn esperjenza ferm sabiħa dan l-aħħar meta l-proposta għall-iżvilupp ta' Yatch Marina, Villaġġ Turistiku, appartamenti lussużi u vilel ġie rrifjutat b'mod unanimu mil-Awtoritá tal-Ippjanar.



Il-mertu jista' jingħata lill-Kunsillier Laburista Pawlu Buttiġieġ li ħadem ħafna biex dan l-iżvilupp ma jsieħħx.

Kien ta' sodisfazzjon li l-Kunsill b'mod unanimu, finalment ħareġ kontra l-iżvilupp. L-istess kien esprima dan ferm qabel il-poplu tal-Qala f'referendum li kien ittellgħa mil-istess Kunsill, fejn 85% ta' dawk li ppartecipaw tkellmu kontra l-iżvilupp.

Imma l-kwistjoni kollha ma tieqafx hawn peress li għalkemm l-Awtoritá tal-Ippjanar ħarġet kontra tali żvilupp, il-pjan lokali li kien ġie emendat fl-2006 għadu jikklassifika żona bħala waħda li jista' jsir żvilupp turistiku u ta' marina.

Issa hu l-mument li l-Parlament flimkien mal-Awtoritá tal-Ippjanar tressaq emendi fil-liġi sabiex isir reviżjoni tal-pjani lokali, li jinkludu ż-żona ta' Ħondoq ir-Rummien.

Żminijietna - Leħen ix-Xellug żgur li se tibqa' tagħmel pressjoni, kif ġa għamlet flimkien mal-Moviment Ħarsien Ħondoq immexxi mil-Kunsillier Pawlu Buttiġieġ biex issir reviżjoni tal-Pjan Lokali, u jmur lura għal kif kien oriġinarjament fejn il-pjan lokali kien jesiġi li ssir riabilitazzjoni tal-barriera bi proġett ta' afforestazzjoni u li jsir titjib fl-infrastruttura taż-żona u jitjieb l-aċċess għall-bajja ta' Ħondoq ir-Rummien.


## Abbonament Gazzetta Żminijietna

Isem: Kunjom:

Indirizz:

Emejl:

Sena: (€5) Sentejn: (€10)

**Ibgħat din il-formola lil Żminijietna P.O Box 35 Sliema. SLM1000 ma' ċekk jew direttament fil-*Kont Bankarju BOV 40013290155***